A.L. 279 ta' l-2005

ATT DWAR L-ARBITRAĠĠ
(KAP. 387)

Regolamenti ta' l-2005 dwar Emenda tar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Arbitraġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (13) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att dwar l-Arbitraġġ, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 dwar Emenda tar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Arbitraġġ, u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Arbitraġġ, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-Raba' Skeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Awissu, 2005.

Jemenda Taqsima A tar-Raba' Skeda.

2. Minflok is-subparagrafu (d) tal-paragrafu 1.2. tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda, għandu jidħol dan li ġej:

"(d) li l-valur tagħha ma jkunx jeċċedi l-ħamest elef lira.".